BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Muniti tal-Fidda
## 1970-1979

MALTA COIN CENTRE

**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# L-ewwel serje – Manwel Dimech




1972

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm1 |
| Dijametru | 32mm |
| Piż Gross | 10g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | SMOM, Rome |

Manwel Dimech twieled fil-Belt Valletta fil-25 ta' Diċembru 1860, f'familja fqira. Kellu tfulija diffiċli ħafna u ta' 13-il sena ntbagħat il-ħabs għall-ewwel darba. Daħal u ħareġ mill-ħabs diversi drabi, l-iżjed fuq akkużi ta' serq inkluż serq bi żgass. Fl-1878, fl-età ta' 17-il sena, kien involut f'każ ta' qtil involontarju u ntbagħat il-ħabs għal iżjed minn 12-il sena. Fl-1890, instab ħati ta' ċirkolazzjoni ta' flus foloz u ntbagħat il-ħabs għal seba' snin. Sal-età ta' 36 sena, Dimech kien għadda xi 20 sena l-ħabs. Madankollu, fil-ħabs biddel ħajtu u tgħallem jaqra u jikteb, studja l-lingwi u kien jaqra estensivament. Meta ħareġ mill-ħabs, kien jaqla' x'jiekol bit-tagħlim tal-lingwi. Iġġieled ukoll għal riformi soċjali u politiċi, li wassluh għal kunflitt mal-Knisja Kattolika u l-awtoritajiet kolonjali. Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija ġie deportat minn Malta. Miet fl-eżilju fl-Eġittu fl-1921.

## L-ewwel serje – il-Forti Sant'Anġlu




1972

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm2 |
| Dijametru | 38mm |
| Piż Gross | 20g |
| Finezza | 0.9876 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | SMOM, Rome |

L-ewwel aċċenn dokumentat ta' *Castrum Maris* (kastell ħdejn il-baħar) fuq il-ponta tal-peniżola ta' Vittoriosa jmur lura għas-snin erbgħin tas-seklu tlettax. Fis-snin sebgħin tal-istess seklu, il-kastell kellu gwarniġjon ta' 150 suldat u kien jinkludi żewġ kappelli, li għadhom jeżistu.

L-Ordni ta' San Ġwann ħadet pussess ta' Malta fl-1530, u l-Kavallieri stabbilew ir-residenza tagħhom f'Vittoriosa, li dak iż-żmien kien raħal marittimu żgħir. Il-kastell sar ir-residenza tal-Gran Mastru. Saru diversi modifiki biex jissaħħaħ dan il-kastell medjevali antik. Il-Gran Mastru De Homedes bena sur biex jirfed in-naħa tal-art, waqt li l-foss tħaffer biex sar iżjed fond u nbidel f'ħandaq fond u wiesa' mimli bl-ilma. Inbena cavalier biex jiddomina l-inħawi u nbniet batterija fil-livell tal-baħar. Dawn il-modifiki għenu biex il-forti jirreżisti b'suċċess l-Assedju l-Kbir tal-1565 mill-Ottomani; waqt dan l-Assedju l-forti reġġa' lura attakk mill-baħar fuq Senglea. Il-Forti Sant'Anġlu jmur lura għall-aħħar snin tas-seklu sbatax, meta l-inġinier militari Carlo Grunenberg iddisinja u ffinanzja l-bini ta' erba' batteriji ta' diversi livelli, li jagħtu għal fuq id-daħla tal-Port il-Kbir.

Meta Malta saret kolonja Ingliża, l-Armata Ingliża ħadet il-Forti Sant'Anġlu f'idejha. Fl-1912, il-forti sar il-kwartieri ġenerali tal-Flotta tal-Mediterran tal-Qawwa Navali Britannika. Dak iż-żmien kien magħruf bħala HMS Egmont, iżda mill-1933, sar magħruf bħala HMS St Angelo. Il-forti ngħata lill-Gvern Malti fl-1979.

# It-tieni serje – Temi Zammit




1973

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm20 |
| Dijametru | 26mm |
| Piż Gross | 12g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | SMOM, Rome |

Temistokle Zammit twieled fil-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru 1864. Wara li studja fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta, kiseb id-Dottorat fil-Mediċina fl-1889. Fl-1905, nħatar Professur tal-Kimika fl-istess Università, li tagħha nħatar ukoll bħala Rettur fl-1920. Hu okkupa din il-kariga sal-1926, meta ddeċieda li jiddedika l-ħin u l-enerġija tiegħu għall-organizzazzjoni tal-Mużew Nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam arkeoloġiku.

Sir Temi, kif kien popolarment magħruf, kien bniedem ta' versatilità kbira. L-interessi akkademiċi tiegħu kienu varjati sew u kien kittieb prolifiku ħafna, kif jidher mill-pubblikazzjonijiet numerużi tiegħu. Bħala xjenzjat involut f'xogħol ta' riċerka dwar it-trasmissjoni tal-Mediterran jew Undulant Fever (magħruf f'Malta bħala deni rqiq), sar magħruf għall-ewwel darba f'ambjenti mediċi internazzjonali permezz tal-konnessjoni tiegħu ma' Sir Ronald Ross. Sir Temi kien famuż ukoll għaliex issokta x-xogħol ta' Sir David Bruce (li ismu ġie adottat biex jingħata isem lill-mikrobu tal-imsemmi deni bħala Brucella melitensis) fis-snin bikrin tas-seklu għoxrin meta skopra l-mikroorganiżmu fil-ħalib tal-mogħoż. Fl-1920 ingħata -l-Mary Kingsley Medal mil-Liverpool School of Tropical Medicine. Kien famuż ukoll għall-iskavi arkeoloġiċi tiegħu ta' siti preistoriċi fil-Gżejjer Maltin u għall-kitbiet akkademiċi tiegħu dwar il-materjal misjub.

Il-firxa tal-pubblikazzjonijiet ta' Zammit tkopri wkoll l-istorja, il-letteratura, il-kultura u l-edukazzjoni Maltija. Il-kisbiet u l-merti tiegħu ġew rikonoxxuti f'diversi ambjenti internazzjonali. Fl-1911, ir-Renju Unit ħatru bħala Companion of the Order of St Michael and St George, u fl-1930, Zammit inħatar bħala Knight Bachelor. Fl-1920, ingħata grad onorarju ta' Doctor of Literature mill-Università ta' Oxford u fl-1932, inħatar "Officier d'Académie" tar-Repubblika Franċiża.

Zammit miet fit-2 ta' Novembru 1935.

# It-tieni serje – Id-Daħla tal-Imdina




1973

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm2 |
| Dijametru | 38mm |
| Piż Gross | 20g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |

L-Imdina hi l-kapitali antika ta' Malta. Fl-1693, Malta ntlaqtet minn terremot li għamel ħsara f'ħafna mill-bini medjevali antik ta' din il-belt. Il-Katidral kien fost il-bini li kellu jerġa' jinbena. Il-bini mill-ġdid daħħal element ġdid ta' arkitettura Barokka fil-belt l-antika. Fis-snin għoxrin tas-seklu tmintax id-daħla tal-Imdina nbidlet b'mod eżawrjenti biex tinkludi pjazza żgħira bil-Palazz Vilhena, imponenti u spettakolari, fuq il-ġenb tagħha. Id-daħla ewlenija ngħalqet bil-ġebel u nbniet daħla ornamentali ġdida ftit metri 'l bogħod. Id-daħla nbniet fuq disinn tal-inġinier militari Franċiż, Charles Francois de Mondion, li dak iż-żmien kien impjegat mal-Ordni ta' San Ġwann. F'pożizzjoni prominenti d-daħla fiha l-istemma araldika tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena li madwarha hemm ġabra dekorattiva ta' elementi militari.

# It-tielet serje – Giovanni Francesco Abela




1974

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm2 |
| Dijametru | 32mm |
| Piż Gross | 10g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |

Giovanni Francesco Abela twieled fil-Belt Valletta fl-1582. Hu nħatar bħala Awditur mill-Gran Mastru Antoine de Paule, u iżjed tard sar Kappillan u Viċi Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann. Abela hu rikonoxxut għall-ħolqien tal-ewwel mużew storiku f'Malta, li kien jinsab fid-dar tiegħu fil-Marsa. Ħafna mill-oġġetti ta' Abela għadhom jeżistu fil-kollezzjonijiet miżmuma mill-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Fl-1647, Abela kiteb il-famuż ktieb "*Della Descrittione di Malta isola nel Mare Siciliano: con le sue antichità, ed altre notizie*", li għadu kkunsidrat bħala sors importanti ta' informazzjoni storika dwar Malta. Abela miet fl-1655, u jinsab midfun fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

# It-tielet serje – Id-Daħla Notre Dame




1974

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm4 |
| Dijametru | 38mm |
| Piż Gross | 20g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |

Il-Linja ta' Fortifikazzjonijiet tal-Kottonera nbniet fl-1670 mill-Gran Mastru Nicola Cotoner. Din il-linja ta' fortifikazzjonijiet inbniet madwar il-bliet ta' Senglea, Vittoriosa u Cospicua. Id-Daħla Notre Dame kienet il-punt ewlieni ta' aċċess għal ġewwa l-fortifikazzjonijiet għall-abitanti tal-irħula tax-Xlokk, b'mod partikolari dawk taż-Żejtun u ta' Ħaż-Żabbar.

Id-Daħla Notre Dame hi l-ogħla bini fil-Kottonera u hi mibnija fuq ħames livelli. Fuq l-arkata ċentrali tagħha d-daħla għandha xbieha tal-bronż tal-Gran Mastru Cotoner, li madwarha hemm ġabra ornamentali ħafna ta' elementi militari. Id-daħla ssemmiet għall-Madonna tal-Grazzji, il-qaddisa patruna ta' Ħaż-Żabbar. Hi magħrufa wkoll bħala d-Daħla tal-Kottonera, id-daħla ta' Ħaż-Żabbar u Bieb is-Sultan.

# Ir-raba' serje – Alfons Maria Galea




1975

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm2 |
| Dijametru | 32mm |
| Piż Gross | 10g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |
| Stampar | 2,000 |

Alfons Maria Galea twieled fil-Belt Valletta fl-1861. Kien negozjant ta' suċċess. Galea kien filantropu magħruf u kkontribwixxa għall-finanzjament tal-Kunvent Bon Pastur f'Ħal Balzan. Hu ffinanzja wkoll oratorju għall-bniet u waqqaf l-Istitut tas-Sależjani għas-Subien f'Tas-Sliema. Ikkontribwixxa għall-iżvilupp tal-letteratura Maltija, u matul il-perjodu 1899-1915 kien editur ta' serje ta' 150 ktieb imsejħa "Il-Mogħdija taż-Żmien". Galea miet fl-1941.

## Ir-raba’ serje – It-Torri ta’ Sant’Agata



1975

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm4 |
| Dijametru | 38mm |
| Piż Gross | 20g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |
| Stampar | 2,000 |

It-Torri ta' Sant'Agata nbena fl-1649 fi żmien il-Gran Mastru Jean Paul Lascaris. It-torri jinsab fuq il-quċċata tal-Marfa Ridge u fl-aqwa żmien tiegħu kien wieħed mill-iżjed bini importanti ta' difiża fil-Majjistral ta' Malta. Kien mgħammar b'għadd ta' xkubetti żgħar. F'każi ta' emerġenza, il-gwarniġjon tiegħu kien jiżdied għal 30 suldat u kien jiġi pprovdut b'biżżejjed ikel u munizzjon biex iservu għal 40 jum. Matul is-seklu tmintax inbniet batterija madwar il-perimetru tat-torri. It-torri kellu wkoll kappella żgħira dedikata lil Sant'Agata.

## Il-ħames serje – Ġużè Ellul Mercer




1976

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm2 |
| Dijametru | 32mm |
| Piż Gross | 10g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |

Ġużè Ellul Mercer twieled fl-Imsida fit-22 ta' Marzu 1897. Kien għadu żagħżugħ meta daħal fis-Servizz Ċivili, u fl-1924, daħal fix-xena politika u ngħaqad mal-Partit Laburista. Fl-1928, serva bħala assistent editur tal-gazzetta tal-Partit Laburista "Il Cotra". Ġie elett membru tal-parlament fl-1951, u fl-1955, sar deputat mexxej tal-Partit Laburista. Ellul Mercer kien kittieb prolifiku u kiteb ħafna rumanzi satiriċi, kif ukoll stejjer qosra u artikli għall-gazzetti. Hu mfakkar l-iżjed għar-rumanz tiegħu "Leli ta' Ħaż-Żgħir" (1938), li jirrifletti fil-fond dwar is-soċjetà Maltija ta' dak iż-żmien, u għad-djarju tiegħu tal-gwerra li kiteb "Taħt in-Nar" (1949). Ellul Mercer miet fl-1961.

## Il-ħames serje – Id-Daħla tal-Forti




1976

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | Lm4 |
| Dijametru | 38mm |
| Piż Gross | 20g |
| Finezza | 0.987 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint |

Il-Forti Manoel ġie kkummissjonat mill-Gran Mastru Portugiż Manoel de Vilhena u nbena bejn l-1723 u l-1755. Oriġinarjament tħejja disinn mill-inġinier Franċiż Rene Jacob de Tigne, iżda dan ġie modifikat minn Charles Francois de Mondion, li ssorvelja wkoll il-kostruzzjoni ta' dan ix-xogħol. Mondion kien l-inġinier militari residenti tal-Ordni ta' San Ġwann. Tul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-forti ntlaqat u saritlu ħsara kbira.

# Is-sitt serje – Il-kelb Malti



1977

| Tip | Fidda Proof | Fidda BU |
|---|---|---|
| Denominazzjoni | Lm1 | Lm1 |
| Dijametru | 23.6mm | 23.6mm |
| Piż Gross | 5.66g | 5.66g |
| Finezza | 0.925 | 0.925 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint | Malta Mint |
| Stampar | 2,437 | - |

Fl-1647, Giovanni Francesco Abela kiteb "... għandna l-klieb imsejħa *Cernechi*, apprezzati ħafna għall-kaċċa tal-fenek, li spiss huma mfittxija anke f'postijiet imbiegħda bħal Franza, l-iżjed għall-użu f'ambjenti ta' tlajja', imġebbla u muntanjużi". Dan il-kelb, li hu ta' razza endemika Maltija, hu magħruf lokalment bħala "il-Kelb tal-Fenek" u tradizzjonalment kien jintuża mill-Maltin għall-kaċċa tal-fniek selvaġġi. Dan hu kelb ta' qawwa kbira u atletiku, b'saqajn twal, għajnejn normalment lewn l-ambra u widnejn kbar u ppuntati. Ġeneralment il-kulur ta' dawn il-klieb hu kannella jagħti fl-isfar jew qastni. Il-Kelb tal-Fenek hu meqjus bħala l-kelb nazzjonali ta' Malta.

# Is-sitt serje - Sir Luigi Preziosi




1977

| Tip | Fidda Proof | Fidda BU |
|---|---|---|
| Denominazzjoni | Lm2 | Lm2 |
| Dijametru | 28.5mm | 28.5mm |
| Piż Gross | 11.31g | 11.31g |
| Finezza | 0.925 | 0.925 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint | Malta Mint |
| Stampar | 2,437 | - |

Luigi Preziosi twieled f'Tas-Sliema fl-1888. Hu ggradwa fil-mediċina fl-1910, u wara studja f'Ruma. Fl-1920 kiseb diploma fl-oftalmoloġija minn Oxford. Kien lekċerer fl-Università ta' Malta u fl-1924 inħatar bħala kirurgu fl-Isptar Ċentrali fil-Furjana. Preziosi ħoloq metodu oriġinali għat-trattament tal-glawkoma, li permezz tiegħu kiseb approvazzjoni internazzjonali. Preziosi kien involut ukoll fil-politika. Miet fl-1965.

## Is-sitt serje – Il-Mitħna tax-Xarolla



1977

| Tip | Fidda Proof | Fidda BU |
|---|---|---|
| Denominazzjoni | Lm5 | Lm5 |
| Dijametru | 38.61mm | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g | 28.28g |
| Finezza | 0.925 | 0.925 |
| Disinjatur | Pietro Giampaoli | Pietro Giampaoli |
| Zekka | Malta Mint | Malta Mint |
| Stampar | 2,437 | - |

Il-mitħna tax-Xarolla hi bini prominenti fir-raħal taż-Żurrieq. Inbniet fl-1724, u hi waħda mit-tmien imtieħen tal-Fondazione Manoel li nbnew mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena fuq art li kienet proprjetà tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-mitħna tax-Xarolla ħadet isimha mis-sit fejn inbniet.

Fl-1946, kien meqjus li l-mekkaniżmu tal-mitħna kien għadu fi stat tajjeb. Madankollu, il-mitħna ġiet abbandunata wara li l-antenni nqerdu waqt maltempata vjolenti. Iżjed tard, il-mitħna ġiet restawrata għalkollox.

# Tmiem tal-faċilitajiet militari




1979

| Tip | Fidda Proof | Fidda BU |
|---|---|---|
| Denominazzjoni | Lm1 | Lm1 |
| Dijametru | 23.6mm | 23.6mm |
| Piż Gross | 5.66g | 5.66g |
| Finezza | 0.92 | 0.92 |
| Disinjaturi | Luciano Micallef/ Noel Galea Bason | Luciano Micallef/ Noel Galea Bason |
| Zekka | Franklin Mint, USA | Malta Mint |
| Stampar | 1,294 | 50,000 |

Fl-1971, il-Partit Laburista f'Malta, immexxi minn Duminku Mintoff, ġie elett biex jiggverna u immedjatament indika li ried jerġa' jinnegozja l-kiri tal-faċilitajiet militari mar-Renju Unit. Wara diskussjonijiet twal, il-kuntratt tal-kiri ġie estiż sal-aħħar ta' Marzu 1979. Il-forzi Britanniċi f'Malta bdew proċess gradwali ta' rtirar sakemm id-destroyer, HMS London, l-aħħar rappreżentant tal-forzi Britanniċi f'Malta, telaq mill-Port il-Kbir fl-1 ta' April 1979. Minn dakinhar, Malta ma baqgħetx toffri faċilitajiet militari lil ebda potenza barranija.